MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 283/2004

**Edmond Barbara**

**Vs**

**Eugenio Camilleri**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm448.41 (erba` mija tmienja u erbghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu) dovuti bhala bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-1 ta' Marzu 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-7 ta` Marzu 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------